MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 69/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**KEVIN BORG ta' 33 sena, iben John u Carmen xebba Pace, imwieled tal-Pieta' nhar is-6 ta' Lulju, 1979, residenti fil-fond Little Roses, Flat 8a, Triq C De Brockdorff, Msida ,detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330679M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kevin Borg** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Jannar, 2010 u fis-sitt xhur ta' qabel:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroijina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali mill-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli 1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-20 ta’ Jannar, 2010 u fix-xhur ta’ qabel, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaijina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar, 2010, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Fabio Maugeri, detentur tal-karta ta' l-identita' 88288M, u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Jannar, 2010 u fis-sitt xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroijina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

e. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (MCPP) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

f. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (MDMA) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu esklussiv tieghu;

g. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt li kien taht ordnijiet moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr L Quintano LL.D., datata 26.01.2009 u ohra 06.02.2009, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

j. U fl-ahharnett talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati diversi gewwa Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li moqrija l-akkuza, l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-istess.

Rat il-Kontro Ordni mibghut mill-Avukat Generali, flimkien mad-debita Artikoli, cioe':
a. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess, l-imputat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti konvertita f'wahda ta' Gudikatura Kriminali – dan biss fil-konfront ta' reati taht il-Kapitolu 9 u l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat pero li l-Avukat Generali naqas milli jibghat il-Kontro Ordni ghal dawk ir-reati mahsuba taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista' ta' hekk, id-Difiza prezentat nota u anke ghamlet trattazzjoni fiz-zewg istanzi ferm studjati. Minn naha tieghu l-Avukat Generali, konxju issa ta' l-izball (ghax hekk kien, din il-Qorti ma tabbraccjax it-teorija ta' rinunzja) prezenta rikors a folio 537 fejn talab lill-Qorti (bhala issa Qorti ta' Gudikatura Kriminali, issa li kien baghat l-ewwel Kontro Ordni u l-Artikoli) biex fejn jirrigwardja r-reati taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, terga' tirrinivija l-process u b'hekk, wara anke li jigu sanati l-atti b'rinviju ta' hamest ijiem, tintbaghat il-Kontro Ordni wkoll taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti semghet trattazzjonijiet studjati u waslet ghad-digriet taghha tat-18 ta' April, 2012, folio 563. Konsegwenti ghal dan, l-Avukat Generali issa baghat ukoll il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Mill-fatti jirrizulta li dan il-procediment gie nstigat wara li Lee Bromidge, hu l-mejjet Fabio Maugeri, sab lil huh mejjet gol-flat tieghu. Dan immedjatament irrapporta dan lill-pulizija, li ovvjament marret fuq il-post. Infethet Injesta Magisterjali. Ghalhekk dan Lee Bromidge xehed illi hu

kien jigi l-step brother tal-mejjet. Kien jaf illi huh kellu problema tad-droga, u li sal-gurnata ta' l-incident kien ilu, skondtu, bejn tmienja u disat ijiem li hareg mill-programm ta' San Blas. Huh kien juza d-droga eroina.

Prudence Micallef, li tigi t-tfajla ta' Lee Bromidge, minn naha taghha xehdet illi fil-weekends hi kienet tmur ghand Lee u li hawn kien jghix ukoll huh Fabio, u Lee. Qalet illi dakinhar kien is-Sibt u Fabio, haga mhux tas-soltu, kellimha b'kunfidenza. Hu u Lee dahlu jorqdu u l-ghada, il-Hadd, ghal-habta tas-7.30am, bdiet tisma' lighter tintefa' u tinxtghel. Qalet illi hi kienet tibza' li tohrog mill-bedroom u ssib lil hu Lee mejjet, stante li kienet taf li kien jabbuza mid-droga. Xehdet illi kienet tibza' li jmur overdose. Allura meta semghet il-hoss tal-lighter ittawwlet mill-key hole, ratu johrog mill-bathroom, mar fil-kcina, ratu jaqbad karta zghira u jitfaghha fil-but tal-gakketta li kellu mdendla mas-siggu. Dahal jorqod. Xehdet ukoll illi fil-11.00am x'hin regghet qamet u marret taghmel café, dahhlet idejha fil-but – hemm sabet isem Kevin u number tal-mobile. Hadet din il-karta, skondtha biex taqtaghlu l-kuntatt minn ma' dan l-individwu. Tefaghtha go basket tal-cane. Gharfet u prezentat din il-karta bhala Dok PM.

Mix-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina, kien l-istess Bromidge li kien qal lill-pulizija li huh dan l-ahhar kien qieghed ikun fil-kumpanija ta' certu Gianluca. Ghalhekk, kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Spettur (anke ta' l-Ispettur Edmond Cuschieri), illi gie mfittex u migbur dan Gianluca. Fil-fatt dan Gianluca rrilaxxa stqarrija, liema stqarrija giet guramentata. Senjalament ghen ukoll lill-pulizija f'controlled delivery, taht il-Kappa tal-Magistrat Inkwirenti, biex b'hekk il-pulizija waslu ghall-imputat Kevin Borg.
Ghalhekk huwa ghaqli li tigi riprodotta x-xhieda ta' dan Gianluca.

Qabel xejn jinghad ukoll illi kemm l-Ispettur Victor Aquilina kif ukoll l-Ispettur Edmond Cuschieri xehdu li meta kellmu lil dan Gianluca Costa, dan kien tahom informazzjoni li l-mejjet kien tah numru ta' cellulari, li fil-fatt kien jaf bl-amment, li kien ta' certu Kevin mill-Imsida. Ghalhekk

matul il-controlled delivery, l-istess Gianluca cempel lil dan Kevin, dan fil-presenza taz-zewg Spetturi, wiegbu li kellu jmur l-Imsida. Kien hekk li gie arrestat l-istess imputat, meta Costa mar l-Imsida, segwit mill-pulizija ta’ l-Iskwadra ta’ kontra d-Droga. Hawn gie arrestat l-imputat.

Ghalhekk Gianluca Costa xehed illi l-mejjet Maugeri kien fil-fatt habib tieghu u li ftit jiem qabel ma miet kien qallu li jekk ikollu bzonn xi haga kellu jkellem lil Kevin Borg u tah il-mobile number tieghu. Ftakar illi kien ta dan in-number lill-pulizija. Qal illi Kevin Borg kien imqabbad mieghu, meta mar ghandu biex igib pakkett ta’ eroina, pakkett li kien jiswieh €20.

Fl-istqarrija guramentata spjega wkoll illi hu u Fabio kienu jiehdu l-smack flimkien, kienu jixtriha minghand wiehed mill-Belt. Qal ukoll illi darba minnhom dan Fabio kien tah numru u qallu li jekk kellu bzonn l-smack kellu jcempel lil dan Kevin mill-Imsida. Qal illi hu qatt ma kien cempel lil dan Kevin qabel il-controlled delivery. Qal illi hu kien fil-fatt cempel lil Kevin u qallu li kien habib ta’ Fabio. Dan qallu li kien jaf bih u li kellu jmur l-Imsida fejn supermarket Simpatia. Qallu wkoll illi x’hin jasal kellu jerga’ jcempillu. Qal illi x’hin cempillu qallu biex jistennieh hdejn Lo Carno Bar. Qal illi wara nofs siegha ra persuna taghmillu sinjal biex imur hdejh. Qal illi x’hin mar hdejh marru l-pulizija mill-ewwel.

Qal illi Fabio kien qallu li qabel ma dahal ghall-programm kien jixtri minghand dak tal-Belt, pero wara li hareg beda jinqeda minghand Kevin.

Ghandu jinghad f’dan l-istadju li diversi kienu l-pulizija li fil-fatt kienu nvoluti f’din il-controlled delivery, u li ghalhekk qabdu lill-imputat u sussegwentement anke ghamlu tfittxija fil-fond tieghu, u anke qabdu nies ohra li kienu qed ifittxu lil dan Kevin, li anke ghazlu li jigguramentaw l-istqarrija minnhom rilaxxati.

Ghalhekk PS 579 xehed dwar it-tfittxija li hu flimkien mal-Ispettur Aquilina ghamlu fil-flat ta’ l-imputat. Hemm, sakemm kienu hdejn il-bieb, xehed illi marru diversi

persuni, fosthom certu wiehed Andrei Zerafa - minn fuq dan gie elevat mobile u karta suspettata li fiha kellha xi qratas. Gie arrestat.

Anke PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed dwar it-tfittxija li saret fir-residenza ta’ l-imputat. Qal ukoll illi x’hin dan twaqqaf minnhom, anke rema bicca foil. Hu ma kienx prezenti waqt it-tfittxija nnifisha stante li baqa’ barra u zamm arrestat lil certu Christian Bugeja. Xehed ukoll illi hin minnhom certu Patrick Calleja dahal fil-komun u rega’ hareg. Dan staqsieh ghalfejn kien hemm u wiegbu biex jara xi habib. X’hin ikkonfrontat, irrizultalu li kien sejjer ghand l-imputat jixtri l-eroina. Dan ghax ammetta mieghu. Qal illi gie wkoll Andrei Zerafa, li kellu pakkett vojt, qartas vojt fuq il-persuna tieghu.

PS 1086 Johann Micallef xehed dwar il-fatt illi hu kien skorta lil Costa ghad-Depot. Assista ghall-interrogatorju tieghu. Assista wkoll ghall-controlled delivery. Tela’ anke fil-flat ta’ l-imputat – hemm seta’ jara xi mwiezen u borza bi trab kannella suspettata eroina.

PS 396 Saviour Baldacchino xehed dwar is-sejba fl-appartament ta’ Borg ta’ kaxxa blue, b’foil imbrembel go fiha u xi haxixa suspettata cannabis. Sab ukoll kantuniera kontenenti eroina, dawn fuq mejda. Xehed ukoll illi fi kxaxen sab zewg boroz pilloli, ammont sostanzjali ta’ pilloli roza u blue suspettati ecstasy. Instabu wkoll tliet scales elettronici.

Minn naha taghha WPS 23 Geraldine Buttigieg xehdet illi meta twaqqaf l-imputat dan waqqa’ ma’ l-art bicca foil li fiha kellha sustanza suspettata droga. Xehdet illi baqa’ jinsisti maghhom illi ma riedx jaghtihom l-indirizz ta’ fejn joqghod.

Anke PC 761 Christopher Saliba wkoll xehed dwar il-karta li rema l-imputat ma’ l-art li kellha fiha trab kannella suspettat eroina. Hu elevaha minn ma’ l-art.

Kif gia’ gie riprodott mix-xhieda tal-pulizija nvoluta fil-qabda ta’ Kevin Borg u t-tfittxija li saret fil-flat tieghu,

hemm gew ukoll imwaqqfa u arrestati xi nies li sussegwentement anke gguramentaw l-istqarrijiet minnhom rilaxxati, u anke xehdu viva voce quddiem din il-Qorti. Gew ezebiti ghalhekk ix-xhieda guramentata ta’ Patrick Calleja, Christian Bugeja, u Andrei Zerafa.

Fix-xhieda tieghu (folio 19 verbal u folio 180), Patrick Calleja qal illi meta nqabad l-Imsida mill-pulizija, kien sejjer jinqeda minghand Kevin ghall-eroina. Qal illi kien ilu jmur ghal hekk ghal dawn l-ahhar tlitt xhur (folio 182). Xehed illi kien icempel lil Kevin, jaghtihielu u jitlaq. Xehed illi kien imur ghand Kevin jixtri l-eroina tliet darbiet fil-gimgha, u kien ihallas €10. Spjega kif kien l-appartament ta’ Kevin, u anke li kien jizinlu d-droga fuq mizien zghir (“……..bhal dawk li jiznu d-deheb” folio 186) dak il-hin.

Minn naha tieghu Andrei Zerafa xehed illi kien tiela’ l-flat fejn kien joqghod Kevin Borg u x’hin hareg mill-lift qabduh il-pulizija. Qal illi hu kien sejjer jinqeda biex jixtri d-droga eroina. Xehed ukoll illi ma kinitx l-ewwel darba li ghamel dan, anzi mistoqsi kemm-il darba mar, wiegeb “Hafna. Kont ilni xi erba’ xhur.” (folio 190), u dan ghal kwazi kuljum. Zied illi kuljum kien jixtri wiehed jew tnejn tat-ten. Hawn kien qieghed jirreferi ghal pakketti. Spjega wkoll illi l-pakketti kienu jkunu tal-karti, gieli tad-diary jew tal-magazines. Qal illi biex imur kien icempel lil Kevin.

Minn naha tieghu Christian Bugeja xehed illi huwa minghand Kevin (l-imputat) kien jixtri eroina u kokaina. Spjega li kull ma kien xtara kienu xi hames darbiet. Qal illi proprjament hu kien mar ghandu biex jixtri l-eroina, staqsieh ukoll ghall-coke u darba tah anke coke. Xehed ukoll illi kien qallu li meta jkun irid smack kellu jmur; u coke kellu jghidlu u jaghtih il-flus, u jgib il-coke ma’ tieghu stante li anke hu kien jiehu coke. Qal illi hu kien hallas €50 kull darba.
Ikkorega x-xhieda tieghu billi qal illi minghand Kevin xtara bejn hames u sitt darbiet. Ikkonferma wkoll illi darba li kien imur ghand Kevin gieli kienu jikkunsmaw id-droga flimkien.

Rat ukoll ir-rapporti ezebiti mill-esperti, senjalment il-messaggi kif riprodotti fid-dokument MB (folio 10). Rat id-Dok JC - sensiela ta' ritratti li juru l-oggetti misjuba fil-fond ta' Kevin Borg; kif ukoll Dok FB folio 262. Rat ukoll id-dokument KG, ritratti relatati mal-mewt ta' Fabio Maugeri, u oggetti ta' droga hemm misjuba. Rat il-konkluzjoni ta' Godwin Sammut fir-rigward tad-droga misjuba fil-fond ta' Kevin Borg, u cioe':

*a. Illi fuq estratt mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 019_10_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab ta' lewn kannella kien ta' 7.25 grammi u l-purita' ta' l-eroina fit-trab ta' lewn kannella kien ta' circa 33%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b. Illi fuq swabs mehuda mill-mizien, mill-imgharfa u mill-spatula li hemm fid-dokument 019_10_01 instabu tracci ta' eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*c. Illi fuq swabs mehuda mill-ghonq tal-flixkun, u mill-flixkun ta' lewn isfar li hemm fid-dokument 019_10_01 instabu tracci ta' kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*d. Illi fuq estratt mehuda mill-haxixa niexfa li hemm fid-dokument 019_10_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol li hija sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Il-piz tal-haxix kien ta' 0.29 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*e. Illi fuq estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn bajda li hemm fid-dokument 019_10_02 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*f. Illi fuq swab mehuda mill-kaxxa li hemm fid-dokument 019_10_03 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*g. Illi fuq swab mehuda mill-mizien ta' lewn iswed li hemm fid-dokument 019_10_03 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*h. Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn hodor li hemm fid-dokument 019_10_04 instabet is-sustanza MDMA. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. In-numru ta' pilloli kien ta' 37.*

*i. Illi fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn roza li hemm fid-dokument 019_10_04 instabet is-sustanza MCPP. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. In-numru ta' pilloli kien ta' 68.*

*j. Illi ma kienx hemm mechanicacl fit bejn il-karta li hemm fil-kaz 018/10 mal-magazines li nstabu fil-kaz hawn fuq imsemmi. Madankollu l-karta li hemm fil-kaz 018/10 u l-karti ta' wiehed mill-magazines li nstab fil-fond hawn fuq imsemmi huma simili, dan ghaliex huma gejjin minn l-istess reklam ta' Holland & Barrett kif muri fir-ritratti fuq pagna 7.*

Rat ukoll it-tieni relazzjoni ta' l-istess espert Godwin Sammut, Dok GS1 a folio 64, dan fir-rigward tas-sustanza misjuba hdejn il-kadavru ta' Maugeri. Hawn ikkonkluda:

*a. Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-kuccarina li hemm fid-dokument 019_10_01 instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b. Illi fuq swabs mehuda minn fuq il-karta li hemm fid-dokument 018_10_02 instabet is-sustanza eroina. Din is-*

*sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*c. Illi fuq estratt mehud mis-siringa li hemm fid-dokument 018_10_04 instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat ukoll id-dokument MTC u cioe' r-rapport tal-patologisti (folio 115). Dawn ikkonkludew hekk fil-konfront tal-mewt ta' Maugeri:

"*The death of this young male is provisionally certified as being due to pulmonary oedema pending further toxicological investigations.*" (folio 117)

Fil-fatt, kif gie spjegat minn Dr Mario Scerri fix-xhieda tieghu, fiz-zmien illi kienet qed tinstema' din l-Istruttorja, ma kienx hawn gewwa Gziritna persuna kwalifikata biex taghmel id-debiti testijiet tossikologici. Kien dan l-istess espert li ssugerixxa li tali ezamijiet setghu jsiru (kif del resto kien gia' qieghed isir) billi jintbaghtu l-kampjuni gewwa l-laboratorju LCG gewwa l-Ingilterra.
Tali talba giet milqugha u ghalhekk gew nominati tali laboratorji, fejn kellhom isiru tali ezamijiet. Dr Mario Scerri gie nominat biex hu stess iwassal tali kampjuni u jgib lura r-rizultanzi appoziti.

Dr Mario Scerri anke ghamel il-*levé de corps* fuq il-kadavru ta' Fabio Maugeri. Ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu Dok MS a folio 130, illi Maugeri miet mewta relatata mat-tehid tad-droga (folio 163).

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' Pauline Marjorie, LCG Forensics, Dok LCG folio 444. F'din ir-relazzjoni tat-tossikologija kif tradotta minn Godwin Sammut (ghall-lingwa Maltija), gie konkluz:

*1. Il-kampjun tad-demm li ttiehed mill-mejjet Fabio Maugeri kien fih ammont ta' morphine li seta' wassal ghall-mewt tieghu kif imsemmi hawn fuq.*

*2. Paroxetine instab fid-demm f'ammont baxx, kif ukoll kaffeina u nikotina. Il-presenza taghhom huma insinifikanti.*
*3. Ma nstabu l-ebda ammont ta' alcohol jew xi drogi ohra li huma msemmijin hawn fuq.*

Rat ukoll iz-zewg sentenzi ezebiti, Dok KB2 (folio 40), u Dok KB3 (folio 43). Rat f'dan ir-rigward il-prova tal-identita' provduta mis-Supritendent Norbert Ciappara. Rat ukoll li kif ben ippuntwalizzat id-Difiza fin-nota u t-trattazzjoni taghha, hawn si tratta ta' applikazzjoni taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll iz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat, dawn pero fuori r-regime tad-dritt lilu llum sancit ta' assistenza legali.

Rat in-noti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi Kevin Borg, apparti ghar-reati taht il-Kapitoli 101 u 31 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa wkoll akkuzat ta' omicidju nvolontarju ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghall-elementi ta' dan l-Artikolu kif ben esposti mill-abbli Avukat Difensur fin-nota taghha. Ticcita hawn anke l-Qorti sentenza mill-Gurista Antolisei li tinkwadra ben sew dan ir-reat:
"*Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall inosservanza di talone della norma indicata. L'infrazione giustificata nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giuidice dice all'imputato 'to non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto*" (Antolisei F – Manuale di Diritto Penale – Parte Generale: Giuffre' 1989 pp 322 324)

Allura in linea ma’ dan citat, isegwi fil-kaz odjern illi Kevin Borg, b’azzjonietu, b’negligenza, imperizji jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti (Kap 101, Kap 31 u Ligijiet Sussidjarji taghhom), allura kkaguna l-mewt ta’ Maugeri. Allura l-mewt ta’ Maugeri kellha ghal Borg tirrizulta konsegwenza ta’ azzjonietu (ness), Borg jinhtieg illi kellu nuqqas ta’ previzjoni tal-hsara li kien ser jikkaguna bl-operat tieghu, a differenza ta’ previzjoni ta’ dak li kien ser isehh, inkella konna nkunu fil-kamp tad-dolo. Borg pero kellu wkoll l-possibbilta’ li jipprevjeni l-effetti ta’ azzjonietu.

Illi ghalhekk mela, jinhtieg li bejn l-azzjoni ta’ Borg, bejn traffikar, forniment u prokura ta’ droga lil Maugeri, u l-mewt ta’ l-istess Maugeri, ikun hemm dak in-ness li jghaqqad dik l-azzjoni ma’ dan l-avveniment tragiku. Dan in-ness hekk imsejjah mill-guristi Nglizi “*chain of causation*.”

Issa mill-provi jirrizulta li bla dubju ta’ xejn l-imputat kien ibiegh kemm eroina, kokaina u ecstasy. Dan jirrizulta ben pruvat mix-xhieda hawn fuq riprodotta. Tipi ohra ta’ droga nstabu fil-pussess tieghu, dan kif jirrizulta wkoll mir-relazzjoni ta’ Godwin Sammut.

Illi nstabet ghand il-mejjet, dan skond ix-xhieda ta’ Prudence Micallef, karta b’notament b’isem Kevin u numru cellulari (ta’ l-imputat), Dok PM. Xehed anke Costa li l-istess Maugeri kien tah dan l-isem u n-numru cellulari jekk ried jinqeda ghall-eroina.

Saljenti wkoll fl-ezami tan-ness necessarju biex naslu ghar-reati ta’ l-omicidju nvolontarju, illi jigi ppruvat:

a. Li Maugeri allura ha droga minghand l-imputat u;

b. Li miet b’konsegwenza ta’ hekk.

Illi din il-Qorti mic-cirkostanzi ta’ kif instab Maugeri, m’ghandha ebda problema temmen li l-mewt tieghu kienet ikkagunata mit-tehid ta’ droga. L-esperjenza fit-tul f’dawn il-kawzi tghin f’dan, meghjuna wkoll minn dak li kkonkluda Dr Mario Scerri. Pero dan kollu ma jfissirx illi Maugeri gab, xtara, jew iddobba d-droga minghand l-imputat. Li gie ppruvat huwa li certament il-mejjet kien jaf li minghand

wiehed jismu Kevin mill-Imsida, wiehed seta' jakkwista d-droga.

Problema ohra naxxenti fl-ezami ta' dan ir-reat hija biex fil-fatt gie ppruvat li miet Maugeri. Kif diga' qalet din il-Qorti m'ghandhiex problema temmen li miet b'mod dirett jew indirett kagun tad-droga. Tfakkar ix-xhieda ta' Prudence l-uzu ta' sikwit tal-lighter, l-oggetti misjuba fuq ix-xena, u r-rizultanzi ta' Dr Mario Scerri. Il-patologisti fir-relazzjoni taghhom ikkonkludew li Maugeri miet kagun ta' "*pulmonary oedema*". Dan kien rizultat provizorju in kwantu kien ghadu ma sarx l-ezami tossikologiku. Dan, kif gie spjegat sar barra minn Malta gewwa l-laboratorji nominati LCG, ta rizultat ta' koncentrazzjoni gholja ta' morfina li setghet ikkontribwiet ghall-mewtu. Terga' tghid din il-Qorti li tinstab ferm konvinta b'dak li kien il-kagun tal-mewt ta' Maugeri, pero tirriskontra hawn zewg problemi. In linea tan-ness necessarju gia' diskuss ma giex ben pruvat Maugeri minn fejn ottjena l-eroina. Kieku gie ppruvat dan, kienet tinholoq problema ohra - illi r-relazzjoni ta' Pauline Marjorie ma giet qatt minnha konfermata bil-gurament. Li gara biss kien li Dr Mario Scerri, kif kien del resto gie mqabbad, gab lura bhala courier ir-rizultanzi tossikologici u pprezentahom lill-Qorti. L-esperta qatt ma ngabet tixhed jew giet prezentata x-xhieda taghha tramite Ittri Rogatorji. Illi ghaldaqstant, dak konkluz fir-relazzjoni ta' l-espert tossikologiku ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni u b'hekk din il-Qorti hija biss rinfaccata bil-kagun tal-mewt provizorju ta' "pulmonary oedema". Detto tutto cio', tqis illi r-reat addebitat lil Kevin Borg taht l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma giex pruvat, u allura ghandu jigi liberat minnu.

Illi kif gia' riprodott, l-imputat ammetta ghal akkuza (a), (b), u (d) fil-konfront ta' forniment u prokura ta' droga erojina u kokaina, kif ukoll rispettivament u dik (d), dik ta' pussess ta' droga erojina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu.

Mill-provi prodotti, apparti ghal din l-ammissjoni, jirrizulta li dawn ir-reati huma ben pruvati. Xehed Costa illi cempel lil Kevin fil-kors tal-controlled delivery biex jakkwista l-eroina minghandu. Tant li meta Kevin, l-imputat, mar biex jiltaqa'

mieghu, fuqu nstabet l-eroina (dan skond ix-xhieda ta’ PC 761). Jirrizulta mix-xhieda guramentata ta’ Calleja, Zerafa, u Bugeja (gia’ riprodotta) li dawn kienu jixtru l-eroina minghand l-imputat; Zerafa sahansitra kwazi kuljum, pakkett jew tnejn ghal erba’ xhur in fila.
Ghaldaqstant din il-Qorti, m’ghandha ebda dubju dwar il-htija ta’ l-imputat fil-konfront ta’ l-akkuzi in ezami.

Illi l-akkuzi l-ohra prospettati, cioe’ dawk imressqa taht l-Artikoli (a), (f), (g), u (h), jittrattaw l-ewwel tnejn fil-konfront tad-droga, pilloli u MCPP u MDMA, li minnhom instabu ghand l-imputat 37 u 38 pillola rispettivament - dawn allegatament ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi Borg huwa akkuzat ukoll bil-pussess ta’ kokaina u ta’ cannabis, akkuza (g) u (h). Illi certament mix-xhieda prodotta migjuba u dik id-droga prodotta, tqis dan il-pussess pruvat.

Illi fil-konfront tad-droga MCPP u MDMA jirrizulta car il-kwantita’ misjuba ghand l-imputat. Daqstant jirrizulta illi f’temp qasir il-pulizija zammu erba’ persuni li kollha marru jinqdew minghand l-imputat – Costa, Bugeja, Calleja, u Zerafa. Tirritjeni l-Qorti dan f’temp qasir. Jidher illi l-imputat kellu negozju hafna b’sahhtu f’dan ir-rigward. Ghaldaqstant din il-Qorti, fic-cirkostanzi kollha lilha prodotti, ma ghandha ebda dubju li Borg kien anke jforni d-droga MCPP U MDMA fis-sens illi l-pussess ta’ dawn il-pilloli zgur li ma kienx ghall-uzu tieghu esklussiv.

L-ahhar addebitu mressaq huwa huwa dak tar-recidiva, certament mis-sentenzi ezebiti kollha bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 446, ghalhekk ghandha ragun id-Difiza li hawn m’hawnx applikazzjoni ta’ l-Artikoli 49 u 50.

Dwar il-piena, anke hawn id-Difiza dahlet f’dettall kbir fin-nota taghha, citat il-gurista Archbold fejn gie suggerit illi s-sentenza, l-piena ghandha tigi ridotta bejn 1/5 u 1/3. Dan qed jinghad fl-opinjoni tad-Difiza stante li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija fit-tliet akkuzi, u kkopera mal-pulizija. Issa tali koperazzjoni tirrizulta ghalhekk minn dak li hu qal lill-pulizija a tempo vergine fl-istqarrijiet tieghu li l-

Qorti ser tiehu biss in kosniderazzjoni meta tqis il-piena, dan tenut kont li kienu mehuda f'Jannar 2010.

Tenut dan kollu premess din il-Qorti qieghda ghalhekk issib htija ghal akkuzi (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h), u dan wara li rat:
4 Regolament GN 292/1939;
LS 101.02;
L-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Artikoli 8 u 9 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 40A u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;
AL 22/1985;
LS 31.18.

Qed tilliberah mill-akkuzi (c) u (j) ghar-ragunijiet premessi, pero ssib htija tal-ksur tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-sentenzi ezebiti, dan fil-konfront ta' l-akkuza (i).

Fil-konfront tal-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieset illi Kevin Borg gia' inghata diversi (tnejn) opportunitajiet taht il-Kapitolu 446, pero jidher illi ma tghallem xejn. Mhux talli hekk, talli qieghed iferrex il-vizzju u jkabbar ic-cirku, issa b'varjeta' akbar ta' droga.

Qieset ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil Kevin Borg ghall-ksur taht l-istess ghal multa €700 fil-konfront ta' akkuza (i);

U ghar-reati (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h) ghal piena karcerarja ta' erba'(4) snin, u multa ta' €5,000, u dan wara li rat l-Artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Kevin Borg ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €2,986.65. Mhux qed jigu nkluzi hawn l-ispejjez peritali tar-relazzjoni tal-Laboratorji LCG u t-

traduzzjoni ghall-Malti tieghu, ghar-ragunijiet gia' premessi.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga kollha lilha ezebita u mmarkata bhala KB197.2010, u tikkomunika din l-ordni lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------